MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 3/2011

**Joseph u Michelle konjugi Saliba**

**-vs-**

**Joseph u Antoinette konjugi Cutajar**

Il-Qorti;

Rat l-avviz prezentat mill-atturi fejn talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuhom is-somma ta’ hamest elef u hames mitt euro (€5,500) flimkien ma’ l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta’ Novembru 2009 sad-data tal-hlas relattiv, rapprezentanti restituzzjoni ta’ self moghti lilhom ai termini ta’ skrittura tad-9 ta’ Ottubru 2009.

Bl-isepjjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali bil-procedura ta’ l-Artikolu 166A numru 123/2010 u ta’ l-ittri interpellatorji datati 14 ta’ Gunju 2010 u 7 ta’ Lulju 2010.

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati u ma pprezentawx risposta.

Rat illi fid-29 ta' April 2011 naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-kapitoli u anke fis-seduta tal-lum.

Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament illi l-kreditu ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkunanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef u hames mitt euro (€5,500) flimkien ma' l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Novembru 2009 sad-data tal-hlas relattiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali bil-procedura tal-Artikolu 166A numru 123/2010 u ta' l-ittri interpellatorji datati 14 ta' Gunju 2010 u tas-7 ta' Lulju 2010 kontro l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------